



Skeda Informattiva

Rapport dwar il-Governanza u l-Bini ta' Kapaċità

Ottubru 2018

Kuntest

Ir-Rapport dwar il-Governanza u l-Bini ta' Kapaċità għe prodott fl-2016 mill-grupp ta' diversi partijiet ikkonċernati EXEP biex dan jagħti pariri lill-partijiet ikkonċernati ewlenin Ewropej fil-proċess tal-adozzjoni tal-akkwist pubbliku elettroniku. Dan jipprovdi għal esperjenzi, għall-aħjar prattiki u għal rakkomandazzjonijiet siewja biex tiġi sostnuta t-tranżizzjoni effettiva lejn l-akkwist pubbliku diġitalizzat. Dan ir-rapport għandu jkun rilevanti għall-Istati Membri (SM) kollha u għall-partijiet ikkonċernati ewlenin inklużi l-atturi ekonomiċi. Ir-rakkomandazzjonijiet jew it-tagħlimiet miksuba mill-aħjar prattika jistgħu jiġu vvalutati skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ISM.

Objettivi

Dan ir-rapport għe żviluppat biex jgħin lill-ISM tal-Unjoni Ewropea (UE) u lill-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles (EFTA) biex jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn l-akkwist elettroniku, iprovdut mid-Direttivi tal-2014 tal-UE dwar l-akkwist pubbliku.

Outputs Ewlenin

Ir-Rapport jippreżenta rakkomandazzjonijiet, linji gwida u għodod tal-aħjar prattika għat-tranżizzjoni lejn l-akkwist elettroniku. Hu mqassam f'4 partijiet, u jibda mid-definizzjoni fundamentali ta' "Governanza":

- Il-Parti 1 tipprovdi **informazzjoni ta' sfond** dwar il-grupp EXEP u l-ambitu tar-Rapport;
- Il-Parti 2 "**Żvilupp ta' Strateġija għall-Akkwist Elettroniku**" tesplora fil-qosor il-kunċett ta' governanza qabel ma tagħti spjegazzjoni tar-rekwiżiti għat-tfassil ta' strateġija dwar l-akkwist elettroniku, fuq il-bażi tal-esperjenza u tar-riċerka tal-grupp;
- Il-Parti 3 "**Implimentazzjoni ta' Strateġija għall-Akkwist Elettroniku**" tipprovdi linji gwida u għodod tal-aħjar prattika għall-implimentazzjoni ta' strateġija għall-akkwist elettroniku. Din tinkludi l-importanza ta' pjanijiet ta' azzjoni, mudelli kummerċjali, ġestjoni tat-trasformazzjoni u taħriġ, bħala eżempji;
- Il-Parti 4 fiha xi **konklużjonijiet**.

Id-dokument sħiħ hu sostnut minn: *6 rakkomandazzjonijiet* li jassistu fit-twettiq ta' tranżizzjoni xierqa u effettiva lejn l-akkwist elettroniku; *9 eżempji ta' pajjiżi* u tal-aħjar prattiki; diversi tabelli u stampi li jappoġġjaw id-deskrizzjoni ta' xi proċessi u mudelli. Hi pprovduta wkoll ħarsa ġenerali *f'tabella siewja* li telenka l-azzjonijiet ta' suċċess kritiċi kollha li għandhom jitwettqu, flimkien mal-mudelli, il-proċessi u r-rakkomandazzjonijiet.

Links

Il-verżjoni sħiħa tar-Rapport hija disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/20844?locale=mt>

Kliem ewlieni

Governanza; Akkwist elettroniku; diġitalizzazzjoni; akkwist pubbliku; strateġija.